MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' April, 2022

Appell Inferjuri Numru 16/2021 LM

**Yvonne Psaila (K.I. 460858M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('id-Direttur Ġenerali appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mid-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tas-26 t'Awwissu, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata']. Bid-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru mar kontra dak li kien iddeċieda d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, fejn kien informa lil **Yvonne**

**Psaila** (minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’) li hija ma kinitx għadha eliġibbli għal xi benefiċċji soċjali li kienet tirċievi, kif ukoll li hija kellha trodd lura xi flus li tħallsu lilha, għaliex id-Direttur Ġenerali appellant kien iddeċieda li hija ma kinitx għadha eliġibbli għal tali għajnuna billi hija kellha kapital li kien jeċċedi l-limitu stabbilit bil-liġi.

**Fatti**

2. Permezz ta’ ittra mibgħuta mid-Direttur Ġenerali appellant lill-appellata fit-28 ta’ Novembru, 2019, hija ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha għall-Għajnuna Medika fi flus ġiet mistħarrġa jew riveduta, u ġie deċiż li hija m’għadhiex aktar intitolata għal din l-għajnuna, għaliex id-Direttur Ġenerali appellant ma kienx sodisfatt li l-kapital tal-appellata ma jeċċedix u/jew li l-appellata ma ddisponietx mill-kapital sabiex tikkwalifika għall-Għajnuna Medika. L-appellata appellat minn din id-deċiżjoni għaliex ma qablitx mal-konklużjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellant.

**Mertu**

3. Fir-rikors tal-appell tagħha quddiem l-Arbitru, Yvonne Psaila spjegat li minkejja li huwa minnu li hija daħħlet somma flus li teċċedi l-limitu tal-kapital stabbilit bil-liġi wara l-bejgħ ta’ żewġ proprjetajiet li hija kellha sehem indiviż minnhom, fil-fatt hija kellha diversi djun ma’ familjari tagħha, liema flus ġew mislufa lilha sabiex hija tkun tista’ tlaħħaq mal-ħajja. L-appellanta spjegat li hija

ssofri minn diversi kundizzjonijiet psikiċi. Spjegat ukoll li hija għaddiet ammont ta' flus lil binha Daniel Psaila, li wkoll isofri minn problemi ta' saħħa.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant sostna li l-appellata kienet involuta f'żewġ kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà li b'konsegwenza tagħhom hija eċċediet il-limitu tal-kapital għal persuna singola (€14,000), u saħaq li għalhekk l-appell tagħha quddiem l-Arbitru għandu jiġi miċħud peress li hija kienet eċċediet il-limitu tal-kapital stabbilit bil-liġi. L-appellata kienet għamlet talba sabiex tibda tirċievi Għajnuna għall-Mard fl-1 ta' Novembru, 2000. L-appellata baqgħet tirċievi din l-għajnuna sad-19 ta' Jannar, 2018, meta din l-għajnuna twaqqfet għaliex id-Direttur Ġenerali appellant kien irriżultalu li l-appellata kellha kapital li kien jeċċedi l-€14,000 stabbilit fil-liġi.

5. L-appellant ippreżenta kopja tar-rapport investigattiv li tħejja mill-Ispetturi tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, minn fejn jirriżulta li saret investigazzjoni dwar l-appellata fid-dawl ta' informazzjoni miksuba fuq benefiċjarji tal-Għajnuna Soċjali minn ġenituri waħedhom, fir-rigward ta' imgħaxijiet bankarji li tħallsu lilha matul l-2017. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ġie a konjizzjoni tal-fatt li matul l-2017, l-appellata rċeviet imgħaxijiet bankarji fl-ammont ta' €179.39. Mill-investigazzjoni li saret mid-Dipartiment, irriżulta li l-appellata kienet involuta f'żewġ transazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetà, wieħed fis-17 ta' Marzu, 2016, b'valur ta' €90,000, fuq proprjetà bl-indirizz 45 (gia 22), Wied Ħal Balzan, Balzan, fejn l-appellata rċeviet sehemha ta' €18,000 mill-bejgħ ta' din il-proprjetà, u ieħor fir-rigward tal-bejgħ ta' dar bl-arja tagħha, numri 90 u 91, Saint Francis Street, Ħal Qormi, liema proprjetà nbiegħet bil-prezz ta' €165,000, għalkemm id-Direttur Ġenerali appellant spjega

li mhux magħruf is-sehem tal-appellata minn din il-proprjetà kemm hu. Jirriżulta wkoll li sal-aħħar ta' Diċembru, 2018, l-appellata kellha l-ammont ta' €11,636.70 iddepożitati fil-kontijiet bankarji tagħha, sabiex b'hekk id-Direttur Ġenerali appellant wasal għall-konklużjoni li bil-bejgħ ta' dawn il-proprjetajiet, l-appellata spiċċat b'kapital li jeċċedi l-€14,000 stabbilit mil-liġi. Minn dan ir-rapport jirriżulta li meta l-uffiċjali tad-Dipartiment tkellmu mal-appellata, din ma ċaħditx li hija kienet involuta fil-bejgħ ta' żewġ proprjetajiet, u qalet li mill-€18,000 li messew lilha wara l-bejgħ ta' proprjetà fl-2016, hija tat nofs il-flus lil binha Daniel. L-appellata spjegat lill-Ispetturi tad-Dipartiment li binha jbati mill-kundizzjoni tal-awtiżmu. B'riferiment għat-tieni bejgħ li sar fl-2018, l-appellata qalet lill-Ispetturi tad-Dipartiment, li l-bejgħ kien jinvolvi madwar erbgħin koproprjetarju, u li minn dan il-bejgħ hija messha biss madwar €2,000. L-appellata allegat ukoll li hija sfat misruqa ammont ta' flus kontanti minn darha. Fir-rapport ġie spjegat li wara li saret investigazzjoni aktar dettaljata, irriżulta li l-appellata daħħlet total ta' madwar €23,000 minn dawn iż-żewġ transazzjonijiet. L-Ispetturi tad-Dipartiment ikkonkludew li l-appellata naqset milli tiddikjara kapital li ġie fil-pussess tagħha, li jeċċedi l-iskala stabbilita fil-Kap. 318. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, saret rakkomandazzjoni li d-Dipartiment jieħu kull azzjoni neċessarja sabiex jissospendi l-ħlas tal-benefiċċji lill-appellata, filwaqt li jiġbor kull pagament li sar lilha mis-17 ta' Marzu, 2016 'il quddiem.

6. Quddiem l-Arbitru l-appellata spjegat li hija kienet soru tal-klawsura, u li meta ħarġet minn soru, hija spiċċat mardet bid-dipressjoni. Spjegat li eventwalment hija kellha relazzjoni ma' raġel, u twieled tifel li llum għandu

tletin sena u li jbati minn awtiżmu sever. L-appellata qalet li meta lilha messha ammont ta' flus wara l-bejgħ ta' proprjetà li hija wirtet, hija tat somma lil binha, li għandu bżonn ħafna għajnuna. Qalet ukoll li hija nefqet ħafna flus fuq it-terapija ta' binha, u li binha ma jistax jaħdem.

7. **Maria Mifsud** fl-*affidavit* tagħha spjegat li hija tiġi oħt l-appellata, u li għal dawn l-aħħar 29 sena hi u r-raġel tagħha rabbew lil Daniel Psaila, li jiġi t-tifel tal-appellata. Qalet li oħtha minn dejjem kienet tbati minn dipressjoni akuta u qatt ma setgħet trabbi lil binha, u għalhekk kienu aċċettaw li jrabbu lil dan it-tifel iz-zijiet tiegħu. Ix-xhud qalet li t-tifel tal-appellata jbati minn awtiżmu sever, u għalhekk ma jistax jaħdem u jgħix ħajja indipendenti. Qalet li fl-2016, oħtha kienet tat kważi €9,000 lil binha sabiex dan ikun jista' jkompli jitrabba miz-zijiet tiegħu. Ix-xhud qalet li oħtha m'għandha l-ebda tip ta' introjtu u dejjem iddependiet fuq l-għajnuna soċjali.

8. Ix-xhud **George Mifsud**, li jiġi r-raġel ta' Maria Mifsud, ikkonferma ix-xhieda tal-mara tiegħu quddiem l-Arbitru. Qal li huwa u martu jieħdu ħsieb lit-tifel tal-appellata, li jbati mill-awtiżmu. Qal li meta mietet omm l-appellata, u l-appellata messitha xi ħaġa tal-flus mill-bejgħ tal-proprjetà ta' ommha, din kienet tathom is-somma ta' €9,000 sabiex huma jkunu jistgħu jixtru l-bżonnijiet tat-tifel tagħha.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

9. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Awwissu, 2021, l-Arbitru laqa' l-appell tal-appellata, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-appell huwa fil-konfront tad-deċiżjoni tad-Direttur datata 28 ta' Novembru, 2019 fejn id-Direttur kien iddikjara illi l-applikazzjoni tal-appellanti għal għajnuna medika (SKA) ġiet miċħuda billi l-kapital ma jeċċedix u/jew li ma ddisponietx mill-kapital sabiex tikkwalifika għal għajnuna medika.*

*Fl-appell relattiv l-appellanti talbet li d-deċiżjoni relattiva tiġi revokata billi għalkemm kien minnu li kien hemm dħul li jeċċedi, dan id-dħul intuża għall-assistenza medika ta' binha.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Fuq dan il-każ kienet infetħet investigazzjoni li wasslet għal rapport preżentat minn Caroline Vella u Brenda Farrugia. Skont dan ir-rapport irriżulta illi l-appellanti kienet involuta f'żewġ transazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetà.*

*i. 17 ta' Marzu, 2016 valur ta' €90,000 terran no. 45, Gia 22, Wied Ħal Balzan, Balzan. Sehem l-appellanti kien ta' €18,000.*

*ii. 29 ta' Jannar, 2018. Dar bl-arja tagħha, numri 90 u 91, Saint Francis Square c/w Main Street, Qormi b'valur ta' €165,000. Ma ġiex stabbilit bejn kemm persuni sar dan il-bejgħ.*

*Skont id-dokumentazzjoni bankarja li ġew eżaminati rriżulta li l-pożizzjoni tal-appellanti fl-aħħar tas-sena 2018 kien ta' bilanċ ta' €11,636.70.*

*Meta għamlu żjara fid-dar tagħha, l-appellanti spjegat lill-ispetturi illi dwar il-€18,000 hija kienet tat nofshom lil binha Daniel li jgħix ma' oħtha u li għandu l-kundizzjoni tal-awtiżmu. Ma kellha ebda dokumentazzjoni dwar din id-donazzjoni. Dwar it-tieni bejgħ spjegat li bħala bejjiegħa kien hemm xi erbgħin u li s-sehem tagħha kien ta' xi €2,000. Saret laqgħa oħra fejn l-appellanti pprovdiet il-kuntratt tat-tieni bejgħ fejn irriżulta li s-sehem tal-appellanti kien ta' €4,852.94.*

*Għaldaqstant l-appellanti naqset meta m'għaddietx lid-Dipartiment l-informazzjoni dwar dawn iż-żewġ kuntratti u l-qligħ tagħha minnhom. Effettivament ukoll ma għamlitx id-dikjarazzjoni rikjesta dwar il-kapital tagħha.*

*L-appellanti tat ix-xhieda tagħha quddiem is-sottoskritt verbalment. Spjegat li għamlet tliet snin soru tal-klawsura u wara ħarġet. Dak iż-żmien ħarġet u ħarġilha depression. Wara sentejn kellha x'taqsam ma' xi ħadd, u kellha iben li llum għandu 30 sena. Dwar ir-rikavat mill-bejgħ tal-ewwel proprjetà spjegat li għamlet trasferiment fuq it-tifel billi kellu bżonn terapija minħabba l-awtiżmu sever li kellu. Hija stess kienet għaddejja bil-kura u anki daħlet Mount Carmel. Lit-tifel kienet għaddietlu €9,000 cash*

*però baqgħet tixtrilu ħwejjeġ u ikel. It-tifel ilu jbati minn dejjem bil-marda u saħansitra kellu LSA anki l-iskola.*

*Xehdet ukoll oħt l-appellanti Carmen Bezzina illi spjegat billi kkonfermat illi oħtha kienet tbati minn depression qawwi li anki saħansitra kienet spiċċat Mount Carmel. Meta kienet ħarġet fis-soċjetà minn soru tal-klawsura kellha wild li llum għandu 30 sena. Żiedet tgħid li sallum għadha qed tbati minn depression. Oħtha tgħix waħedha iżda qisha ma għandha ebda finanzi minn imkien. It-tifel tal-appellanti jbati minn awtiżmu sever u għalhekk oħtha minħabba l-kundizzjoni tagħha ma setgħetx trabbieh hi u kellha trabbieh oħthom l-oħra Maria Mifsud. It-tifel mhux indipendenti u ma jistax jgħix waħdu. Jieħu pilloli speċjali.*

*Meta ħadu l-flus tal-bejgħ tal-proprjetà ta' ommhom kienet fetħet kont għat-tifel u fihom iddepożitat €9,000. Intużaw għall-bżonnijiet tat-tifel. It-tifel ma jistax jaħdem u jiddependi minn dawn il-flus. Huwa minnu li t-tifel ma jistax jimmaniġġja flus iżda għandhom neputi li jieħu ħsieb dawn l-affarijiet għalih.*

*Maria Mifsud xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat li bin l-appellanti, Daniel, trabba minnha u żewġha tul dawn l-aħħar 29 sena minħabba l-kundizzjoni ta' awtiżmu severa. Ikkonfermat il-problemi li kellha oħtha minn wara li ħarġet minn soru tal-klawsura. Ikkonfermat ukoll li mill-wirt ta' ommhom l-appellanti kienet għaddiet €9,000 lilhom sabiex tgħinhom fit-trobbija ta' Daniel.*

*Xehed ukoll viva voce Gorg Mifsud, ir-raġel ta' Maria Mifsud li kkonferma l-fatti ġia dikjarati mill-appellanti u ħutha. Xehed ukoll Daniel Psaila in konferma tal-fatti dikjarati.*

*Il-kwistjoni għaldaqstant hija jekk illum b'dawn il-fatti, li fiż-żmien ma kinux a konoxxenza tad-Direttur, għandux jiġi dikjarat illi d-deċiżjoni in mertu għandhiex tiġi riveduta. Il-fatti effettivament huma ċari. Si tratta ta' appellanti bi problemi serji ta' depression u anki problema serja ta' finanzi relatati ma' wild b'kundizzjoni li ma jħallihx indipendenti. Is-sottoskritt ma jara xejn fl-azzjonijiet finanzjarji tal-appellanti li għandhom iwasslu għall-konvinċiment illi ddonat il-flus tagħha favur binha biex, biex ngħidu hekk, tibqa' tiggwadanja servizzi soċjali. Dak li għamlet għamlitu għax hekk kienu l-bżonnijiet finanzjarji mediċi ta' binha.*

*Fuq dan l-isfond l-Arbitru qed jilqa' l-appell u jiddikjara bħala null id-deċiżjoni in mertu meħuda mid-Direttur fit-28 ta' Novembru, 2019.*

**L-Appell**

10. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fl-1 ta' Ottubru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fis-26 ta' Awwissu, 2021, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tat-28 ta' Novembru, 2019. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

11. Fir-rikors tal-appell tiegħu d-Direttur Ġenerali intimat spjega li l-aggravju tiegħu huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni korretta tal-liġi in kwistjoni min-naħa tal-Arbitru. Bħala sfond fattwali, l-appellant qal li l-appellata kienet qegħda tirċievi l-Għajnuna għall-Mard mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u fit-28 ta' Novembru, 2019 huwa bagħat jinfurmaha li hija ma kinitx għadha intitolata għal din il-pensjoni għaliex huwa ma kienx sodisfatt li l-valur tar-riżorsi kapitali tagħha ma kienx jeċċedi €14,000. L-appellant spjega li din id-deċiżjoni tiegħu ttieħdet wara investigazzjoni li saret mill-Ispetturi fi ħdan id-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji, minn fejn irriżulta li l-appellata kienet involuta f'żewġ kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli. L-appellant spjega li l-Ispetturi tad-Dipartiment żaru lill-appellata ġewwa darha, u din infurmathom li mill-bejgħ ta' waħda mill-proprjetajiet hija daħħlet l-ammont ta' €18,000, u li hija kienet tat nofs dan l-ammont lil binha. Fil-fatt ġie stabbilit li sehem l-appellata minn dan il-bejgħ kien ta' €19,000, filwaqt li minn kuntratt ieħor li sar fid-29 ta' Jannar, 2018, l-appellata irċeviet €4,650.86. In vista tal-fatt li l-appellata ma kinitx ġabet dawn iż-żewġ kuntratti u d-dħul minnhom għall-attenzjoni tad-Dipartiment, l-Ispetturi rrakkomandaw il-waqfien tal-ħlas tal-pensjoni tal-età lill-appellata, kif ukoll l-irkupru ta' kull pagament li din irċeviet

mis-17 ta' Marzu, 2016 'il quddiem, jiġifieri mid-data tal-ewwel kuntratt 'il quddiem. L-appellant qal li waqt ix-xhieda li tat quddiem l-Arbitru, l-appellata spjegat li binha ta' madwar tletin sena jbati minn awtiżmu sever, u li dan mhux kapaċi li jieħu ħsieb lilu nnifsu, tant hu hekk li fil-preżent qegħdin jieħdu ħsiebu kuġini u zijiet tiegħu. L-appellata qalet li hija kienet tat dawn il-flus lil binha sabiex ħutha jistgħu jkomplu jrabbuh u jħallsulu l-ispejjeż ta' tobba, ikel, mediċini, kontijiet u *fuel*. Dan ġie kkonfermat minn uħud minn ħut l-appellata li xehdu quddiem l-Arbitru.

12. L-appellant qal li l-Għajnuna għal Mard hija regolata bl-artikolu 30 tal-Kap. 318, li hu subordinat għat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda tal-istess Kapitolu. Il-liġi tispeċifika x'mekkaniżmu għandu jitħaddem sabiex isir il-kalkolu tat-test tal-mezzi ta' kull applikant għall-Għajnuna għal Mard, kif ukoll li l-valur kapitali ta' kull applikant għal għajnuna bħal din m'għandux jeċċedi €14,000. It-test tal-mezzi jinkludi wkoll kull dħul jew proprjetà li applikant bħal dan ikun ċaħħad lilu nnifsu minnhom direttament jew indirettament sabiex ikollu jedd għall-għajnuna li jkun qiegħed japplika għaliha, jew sabiex ikun intitolat għal rata aktar vantaġġuża. L-appellant spjega li mill-ġurnata li fiha l-appellata biegħet sehemha mit-terran numru 45, "Georgina", fil-Wied ta' Ħal Balzan, Balzan, jiġifieri mis-17 ta' Marzu, 2016, il-valur tal-kapital tagħha kien qiegħed jaqbeż l-iskala ta' €14,000 stabbilita mil-liġi, għaliex minn dan il-bejgħ hija kellha dħul ta' €19,000. Qal li fl-2018, hija kellha wkoll dħul ta' €4,650.86 mill-bejgħ ta' proprjetà oħra f'Ħal Qormi, u għalhekk fuq perijodu ta' sentejn l-appellata kellha dħul ta' €23,650.86. L-appellant qal li l-appellata min-naħa tagħha qatt ma infurmat lid-Dipartiment li hija kellha dan id-dħul mill-bejgħ tal-proprjetà, u

kien biss meta hija ġiet investigata mill-Ispetturi tad-Dipartiment li ammettiet li kienet involuta f'dawn it-transazzjonijiet ta' bejgħ. Kompla jgħid li l-appellata kellha obbligu li tinforma lid-Dipartiment bid-dħul li kellha a tenur tal-artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318, iżda hija għażlet li ma tonorax dan l-obbligu impost fuqha. L-appellant qal li apparti dan in-nuqqas tal-appellata, hija kompliet tippreġudika l-pożizzjoni tagħha meta għaddiet ammont ta' flus mir-rikavat tal-bejgħ ta' dawn il-proprjetajiet lit-tifel tagħha, minflok ma żammet dan il-kapital għaliha nnifisha sabiex tkun tista' tgħix ħajja komda mingħajr il-ħtieġa li tiddependi fuq l-għajnuna tal-Istat biex tagħmel dan. L-appellant qal li l-fatt li iben l-appellata għandu kundizzjonijiet mediċi, ma kellux iwassal lill-appellata biex tiddisponi minn ġidha billi tagħti donazzjoni lil binha, għaliex meta għamlet hekk l-appellata rrendiet lilha nnifisiha fil-bżonn tal-għajnuna mill-Istat. L-appellant saħaq li din mhix l-imġiba ta' *bonus paterfamilias,* partikolarment meta jirriżulta li iben l-appellata diġà qiegħed jirċievi l-għajnuna mill-Istat, u li jekk l-appellata kienet f'pożizzjoni li tgħaddi ammont ta' flus lil binha adult, dan ifisser li hija stess mhijiex fil-bżonn tal-għajnuna soċjali. L-appellant qal li ladarba l-appellata naqset milli ġġib provi konvinċenti biżżejjed li l-valur tar-riżorsi kapitali tagħha ma kienx jeċċedi l-iskala stabbilita mil-liġi, u li hi ma ċaħħditx lilha nnifisha mill-kapital tagħha, huwa ma jistax ikun sodisfatt li hija għadha eliġibbli għall-Għajnuna għal Mard. Qal ukoll li huwa mhux f'pożizzjoni li jittollera abbużi, u għalhekk fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas milli japplika korrettement id-disposizzjonijiet tal-artikolu 30 u tat-Taqsima II u VI tat-Tieni Skeda għall-Kap. 318, kif ukoll naqas milli jieħu konsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti f'dak li jirrigwarda donazzjonijiet li jkunu saru minn dawk li jirċievu l-għajnuna soċjali

mill-Istat. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas ukoll milli japplika l-prinċipji tal-ekwità u ġustizzja imposti fuqu bil-liġi.

13. L-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-appellant, li ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru wara li dan iddeċieda li ma kien hemm l-ebda malintiż da parti tal-appellata meta din iddisponiet minn somma flus favur it-tifel tagħha, u li hija m'għamlitx dan sabiex tkun tista' tibqa' eliġibbli sabiex tirċievi l-Għajnuna għal Mard.

*l-aggravju tal-appellant:* *[nuqqas ta' applikazzjoni korretta tal-liġi]*

15. L-appellata ilha diversi snin tirċievi l-Għajnuna għal Mard. Jirriżulta li l-appellant għamel investigazzjoni dwar l-appellata, wara li rriżulta li f'sena partikolari hija rċeviet somma flus bħala imgħaxijiet fuq flus li kellha ddepożitati f'kont bankarju. L-investigazzjoni tal-appellant wasslet biex ġie stabbilit li waqt li l-appellata kienet qiegħda tirċievi l-Għajnuna għal Mard, hija kienet involuta fil-bejgħ ta' żewġ proprjetajiet, provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tagħha, u li s-sehem tagħha mill-bejgħ ta' dawn il-proprjetajiet kien ta' €23,650.86. Lill-appellant irriżultalu wkoll li l-appellata ittrasferiet madwar €9,000 favur l-uniku binha, li wkoll isofri minn kundizzjoni ta' saħħa u li għandu bżonn ħafna terapija u għajnuna fil-ħajja ta' kuljum. Mill-provi jirriżulta li l-appellata ma tiflaħx tieħu ħsieb ta' binha, tant hu hekk li fil-preżent dan qiegħed jitrabba minn zijiet u

kuġini tiegħu. Ġie stabbilit għalhekk li waqt li l-appellata kienet qiegħda tirċievi l-Għajnuna għal Mard, hija rċeviet somma flus li kienet teċċedi l-massimu tal-kapital permess mil-liġi sabiex persuna tibqa' eliġibbli għal din l-għajnuna (massimu ta' €14,000), kif ukoll li l-appellata naqset milli tinforma lill-appellant b'dan it-tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha.

16. Il-Qorti kkonsidrat l-atti fit-totalità tagħhom, partikolarment għaliex dan huwa appell wieħed minn ħamsa li qiegħed jagħmel id-Direttur Ġenerali appellant fil-konfront tal-appellata. Fil-fatt jirriżulta li wara li ġie stabbilit li lill-appellata messitha s-somma ta' ftit aktar minn €23,000 mill-bejgħ ta' żewġ proprjetajiet, id-Direttur Ġenerali appellant ħa d-deċiżjoni li din għandha tirrifondi kull benefiċċju jew għajnuna li rċeviet mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali wara l-bejgħ tal-ewwel proprjetà, kif ukoll iddeċieda li wara l-bejgħ ta' din il-proprjetà l-appellata ma baqgħetx eliġibbli għall-għajnuna u pensjonijiet li kienet tirċievi mill-Istat, għaliex bħala stat ta' fatt irriżulta li din għandha jew waqt li kienet qiegħda tirċievi din l-għajnuna, messha kapital li jeċċedi l-limitu stabbilit mil-liġi. Il-Qorti tagħraf illi l-appellata hija persuna li għaddiet minn ħafna tabatija matul ħajjitha, minħabba l-mard tagħha u tal-uniku wild tagħha. Waqt it-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti, ingħad li l-appellata hija persuna li ta' kuljum ikollha bżonn tagħmel diversi spejjeż sabiex tkampa mal-kundizzjonijiet li għandha. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-uniku iben tal-appellata huwa persuna b'diżabilità severa, li ma jgħix ħajja indipendenti, u li ilu diversi snin jitrabba minn zijiet u kuġini tiegħu. Kien għalhekk li l-appellata ħadet ħsieb tiddepożita somma flus fil-kont bankarju ta' binha, bil-ħsieb li dawn il-flus ikunu jistgħu jintużaw għat-terapija u l-għajnuna medika li binha jingħata fuq bażi

kontinwa, u sabiex trodd lura parti mill-ispejjeż li għamlu l-qraba tagħha tul is-snin li ilhom jieħdu ħsieb ta' binha.

17. Jirriżulta li l-appellant ħa d-deċiżjoni li jwaqqaf l-għajnuna soċjali li kienet qiegħda tirċievi l-appellata, wara li ġie stabbilit li hija naqset milli tinfurmah li hija kienet involuta f'żewġ transazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetà, u wara li din ittrasferiet parti mill-kapital li mess lilha favur binha. L-appellant jikkwota mit-test tal-liġi, li tistabbilixxi *capping* ta' €14,000 fuq il-kapital li applikant għall-Għajnuna Soċjali jista' jkollu sabiex jibqa' eliġibbli għal din l-għajnuna. Huwa veru li din il-Qorti ħafna drabi ttendi li tapplika t-test tal-liġi b'mod rigoruż, bl-intendiment li l-ispirtu tal-liġi jiġi mħares, jitnaqqas l-abbuż mis-sistema ta' ħlasijiet ta' benefiċċji soċjali, u jiġi assigurat li l-għajnuna soċjali tibqa' tingħata biss lil min verament għandu bżonn l-għajnuna tal-Istat sabiex ikun jista' jkompli bil-ħajja ta' kuljum. Dan il-każ partikolari iżda, ipoġġi quddiem il-Qorti l-ħtieġa li jinstab sens ta' ekwilibriju u proporzjonalità bejn l-intendiment tal-leġislatur min-naħa l-waħda, u r-realtà soċjali li qegħdin fiha persuni bħall-appellata min-naħa l-oħra. Qabel bdiet biex tikkonsidra kull wieħed mill-ħames appelli li għandha quddiemha din il-Qorti sabiex tiddeċiedi dwarhom, il-Qorti qieset li b'dak li qiegħed jitlob l-appellant, l-appellata ser tiġi mċaħħda minn ferm aktar minn €23,000 li messew lilha mill-bejgħ tal-proprjetà ta' ommha. Din il-Qorti, hija tal-fehma li d-deċiżjoni tal-appellant tammonta għal sanzjoni bil-wisq drakonjana fil-konfront tal-appellata, u dan għaliex minħabba li messitha s-somma ta' €23,000 mill-bejgħ ta' żewġ proprjetajiet, hija sejra ssib ruħha f'sitwazzjoni fejn ser ikollha trodd lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali ammont ta' flus li huwa ferm aktar minn hekk, partikolarment għaliex hija ġiet

infurmata li ser jinqatgħulha l-benefiċċji u l-intitolamenti kollha li kienet eliġibbli għalihom, inkluż il-pensjoni tal-età u l-għajnuna għall-mard li kienet tirċievi.

18. Il-Qorti temmen li f'dan il-każ tkun qiegħda tagħmel inġustizzja kbira mal-appellata li kieku kellha tilqa' l-aggravju tal-appellant li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett. Il-Qorti tfakkar li l-Arbitru huwa obbligat jiddeċiedi każijiet ta' din ix-xorta skont il-prinċipju tal-ekwità, u hawn tagħmel riferiment għal dak stabbilit minn din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Servolo Farrugia *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali** tal-21 ta' Ġunju, 2006, fejn ingħad li,

> "l-Arbitru huwa, skont il-vot tal-liġi, fakoltizzat li jirrikorri għal kriterji u prinċipji ta' prudenza u ta' opportunità li skont il-kuxjenza tiegħu jinħassu li huma aktar ekwi."

19. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan huwa proprju dak li għamel l-Arbitru meta ddeċieda li ma jirriżultax li l-appellata ttrasferiet somma flus favur binha sabiex b'xi mod tibqa' eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali jew għall-benefiċċji li kienet tirċievi. Il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha prodotti u żammet f'moħħha d-dimensjoni umana u soċjali ta' każ bħal m'huwa dan, hija tal-fehma li d-deċiżjoni tal-Arbitru m'għandhiex tiġi rrevokata. Ċertament li l-Qrati jridu jkunu sensittivi għal ċerti realtajiet iebsa u diffiċli tal-ħajja, partikolarment f'sitwazzjonijiet fejn il-liġi tagħti l-fakultà li deċiżjoni tkun aktar imsejsa fuq il-kuxjenza tal-ġudikant milli fuq it-test strett tal-liġi. Il-Qorti tifhem ukoll l-pożizzjoni tal-appellant, li jrid jaqdi bl-aħjar mod il-funzjoni tiegħu ta' għassies tal-erarju pubbliku u tal-fondi fdati lilu, iżda din il-funzjoni l-appellant irid jaqdiha mingħajr ma jinsa li wara deċiżjoni li tingħata fuq karta hemm realtajiet umani li jistgħu jissarrfu f'ħafna

tbatija għall-persuni milquta b'dik id-deċiżjoni. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru, filwaqt li tiċħad l-appell tal-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**